MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 1183/2008

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita` numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali ta' Gallaher Limited kumpanija estera ta' nazzjonalita` Ingliza registrata fir-registru tal-kumpanija ta' Ingilterra u Wales, b'indirizz ta' Members Hill, Brooklands Road, Weybridge, Surrey KT13 0QU.**

**vs.**

**Dr. Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud li b'digriet tal-1 ta' Lulju 2009 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil AMERICA IMPORT CORP.S.A., ta' COLON FREE ZONE / PANAMA.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita' numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali ta' Gallaher Limited, kumpanija estera ta' nazzjonalita` Ingliza registrata fir-registru tal-kumpaniji ta' Ingilterra u Wales datat 27 ta' Novembru 2008 a fol. 1 tal-process fejn esponsa: -

Illi s-socjeta' attrici Gallaher Limited, maghrufa sew madwar id-dinja nkluza Malta, hija proprjetarja ta' diversi *trademarks* in konnessjoni man-negozju taghha fis-sigaretti tal-marka "SOVEREIGN";

Illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta' attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi in konnessjoni mat-*trademarks* taghha "SOVEREIGN" dwar sigaretti;

Illi fost ohrajn, is-socjeta' attrici ghandha validament irregistrat bhala *Trademark* Komunitarju (CTM) it-*trademark* figurattiv bin-numru ta' registrazzjoni 003864931 ("kavallier jiggieled ma' dragun"), u dan dwar prodotti f'kategorija li tinkorpora sigaretti fost ohrajn;

Illi fost ohrajn ukoll, is-socjeta' attrici ghandha validament rregistrati f'Malta t-*trademarks* "SOVEREIGN" (kelma, numru ta' registrazzjoni 15203), u "SOVEREIGN" (figurattiva, numru ta' registrazzjoni 16144), u dan f'kull kaz *inter alia* f'kategorija li fihom jaqghu prodotti ta' sigaretti;

Illi s-socjeta' attrici hija "detentrici ta' dritt" ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (**Kapitlu 414 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta**) u tal-***Council Regulation (EC) No 1383/2003 concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures***

***to be taken against goods found to have infringed such rights*****,** biex b'hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija fl-**artikoli 2 (1) (a) (i), 4** u **8 (1)** tal-istess **Kap. 414** u taht id-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikoli 2. 1 (a) (i), 10, 16** u **17** tal-istess **Council Regulation (EC) No 1383/2003** fost ohrajn;

Illi recentement, waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-**artikolu 4** tal-istess **Kap. 414 u fl-artikolu 1 1. tal-Council Regulation (EC) No 1383/2003** hawn qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* ECMU 9701349 kontenenti fost ohrajn kwantita' ta' prodotti ta' sigaretti gewwa pakketti lkoll go kaxxi tal-kartun, li kollha fihom sinjali "SOVEREIGN" kif ukoll – fil-kaz tal-pakketti u tal-kaxxi tal-kartun relattivi – sinjali ta' "kavallier jiggieled ma' dragun", liema artikoli waslu fil-Freeport Terminal tad-Dwana waqt procedura ta' trasbord ghar-rilaxx eventwali favur *consignee* ndikata fuq l-istess *bill of lading* bhala AMERICA IMPORT CORP.S.A., ta' COLON FREE ZONE / PANAMA, u l-istess Kontrollur tad-Dwana nforma lis-socjeta' attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta' intellettwali;

Illi s-socjeta' attrici giet mgharrfa bis-sejba fit-30 ta' Ottubru 2008 u, wara li ezaminat ritratti elettronici ta' kampjuni ta' dawn l-oggetti kif ukoll l-istess kampjuni, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti kontraffatti li jikkontravvjenu d-drittijiet taghha dwar proprjeta' intellettwali. Min-naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghadda lis-socjeta' attrici kopja ta' dokument relattiv ghal dan il-kaz intitolat *DRAFT BILL OF LADING* fejn, fil-kaxxa relattiva ghall-*consignee* hemm indikat AMERICA IMPORT CORP.S.A., ta' COLON FREE ZONE / PANAMA;

Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana ndika bhala b'kollox *649 master cases x 10,000 cigarettes each*, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll *inter alia* u

*oltre* d-disposizzjonijiet ta’ ligi ndikati fil-paragrafu numru 5 ta’ dan ir-rikors guramentat, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikolu 9 1. (a)** u **(b)** tal-***Council Regulation (EC) No. 40/94 on the Community trade mark***, kif ukoll id-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikoli 10, 14 sa 19 tal-Att tal-2000 Dwar it-*Trademarks* (Kap. 416)** u tar-**regolament numru 9 tal-avviz legali 233 tal-2003;**

Illi l-Kontrollur tad-Dwana ppreﬁgga terminu sas-27 ta’ Novembru 2008 (inkluz) sabiex is-socjeta’ attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;

Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi kwantita’ ta’ prodotti ta’ sigaretti gewwa pakketti lkoll go kaxxi tal-kartun, li kollha fihom sinjali “SOVEREIGN” kif ukoll – fil-kaz tal-pakketti u tal-kaxxi tal-kartun relattivi – sinjali ta’ “kavallier jiggieled ma’ dragun”, ilkoll bhal dawk tas-socjeta’ attrici u prezentati b’mod prominenti, u li kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita’ tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* ECMU 9701349 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attrici;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti ’l hinn mill-kanali tal-kummerc b’dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta’ attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lill-, u ghas-spejjez tal-konvenuta;

3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li

effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

4. Tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa’ minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u mmarkati minn Dok “A” sa Dok. “K” kif jidhru minn fol. 6 sa fol. 32 tal-process.

Rat id-digriet datat 1 ta’ Lulju 2009 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita` intimata.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti biex tinstema’ fis-seduta tal-10 ta’ Novembru 2009, b’dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta’ l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b’riserva ta’ kontro-ezami.

Rat ir-risposta mahlufa tal-kuraturi deputati datata 23 ta’ Ottubru 2009 a fol. 90 tal-process fejn esponew:-

1. Illi huma m’humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero` jirriservaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

Rat il-lista tax-xhieda esebita tal-kuraturi deputati (fol 91).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti fl-10 ta’ Novembru 2009 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Luigi Sansone ghall-atturi li ddikjara li m’ ghandux aktar provi u

l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-19 ta' Novembru 2009.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi s-socjeta' attrici hija propretarja tal-marka "SOVEREIGN" fuq prodotti nkluzi fis-sigaretti, u ghandha tali marka rregistrata kemm bhala *trademark* komunitarja bid-disinn hemm indikat ukoll fuq sigaretti (Dok. "B"), u wkoll Malta (Dok. "C" u "D") kif jidher minn paragrafu 3 u 4 tar-rikors guramentat, u hija detentrici tad-dritt taht il-**Kap. 414** u taht il-***Council Regulation EC1383/2003.***

Illi l-Kontrollur tad-Dwana fit-29 ta' Ottubru 2008 kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* ECMU 9701349 kontenenti fost ohrajn kwantita' ta' prodotti ta' sigaretti gewwa pakketti lkoll go kaxxi tal-kartun, li kollha fihom sinjali "SOVEREIGN" kif ukoll – fil-kaz tal-pakketti u tal-kaxxi tal-kartun relattivi – sinjali ta' "kavallier jiggieled ma' dragun", u b'kollox kien hemm *649 master cases x 10,000 cigarettes each,* liema artikoli waslu fil-Freeport Terminal tad-Dwana waqt procedura ta' trasbord fl-24 ta' Ottubru 2008 fuq il-vapur CMA CGM GARDENIA ghar-rilaxx eventwali favur *consignee* ndikata fuq l-istess *bill of lading* bhala AMERICA IMPORT CORP.S.A., ta' COLON FREE ZONE / PANAMA (Dok. "F"), u l-istess Kontrollur tad-Dwana nforma lis-socjeta' attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta' intellettwali.

Illi s-socjeta' attrici ezaminat ritratti elettronici ta' kampjuni ta' dawn l-oggetti kif ukoll l-istess kampjuni, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti kontraffatti li jikkontravvjenu d-drittijiet taghha dwar proprjeta' intellettwali u dan kif jirrizulta mir-rapport ta' Andrew Carter datat 4 ta' Novembru 2008 (Dok. "H" u "I").

Illi dan kollu jinsab ikkonfermat mill-affidavits ta' l-attur (Dok. "E") u George Agius ufficjal tad-Dwana (Dok. "J") u ghalhekk l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u fil-verita' lanqas huma kontestati u ghalhekk il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' l-istess, u filwaqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi kwantita' ta' prodotti ta' sigaretti gewwa pakketti lkoll go kaxxi tal-kartun, li kollha fihom sinjali "SOVEREIGN" kif ukoll – fil-kaz tal-pakketti u tal-kaxxi tal-kartun relattivi – sinjali ta' "kavallier jiggieled ma' dragun", ilkoll bhal dawk tas-socjeta' attrici u prezentati b'mod prominenti, u li kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* ECMU 9701349 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-konvenuta.

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba *in vista* ta' dak deciz fir-rigward tat-tieni talba attrici.

4. Tordna li l-entita' konvenuta ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra l-entita' konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------